Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 162/20**
il-Lussemburgu, 17 ta' Diċembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-316/19
Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja

# Billi wettqet unilateralment il-konfiska ta' dokumenti li jaqgħu taħt l-arkivji tal-BĊE, is-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li tosserva l-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-Unjoni

*Barra minn hekk, billi ma kkollaboratx debitament mal-BĊE sabiex tħassar il-konsegwenzi illegali ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, is-Slovenja kisret ukoll l-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni leali fil-konfront tal-Unjoni*

Fis-6 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet Sloveni wettqu tfittxija u konfiska ta' dokumenti stampati u elettroniċi fil-bini tal-Banka Slovenije (il-Bank Ċentrali tas-Slovenja). Id-dokumenti kkonfiskati minn dawn l-awtoritajiet kienu jinkludu l-komunikazzjonijiet kollha mwettqa permezz tal-kont tal-posta elettronika tal-Gvernatur li kien fil-kariga, id-dokumenti elettroniċi kollha li kienu jinsabu fuq il-post tax-xogħol u fuq il-laptop ta' dan tal-aħħar, fir-rigward tal-perijodu bejn l-2012 u l-2014, indipendentement mill-kontenut tagħhom, kif ukoll dokumenti relatati mal-istess perijodu u li kienu jinsabu fl-uffiċċju tal-Gvernatur. Dawn l-interventi saru fil-kuntest ta' investigazzjoni li tirrigwarda ċerti membri tal-persunal tal-Banka Slovenije, fosthom dan l-istess gvernatur, li kienu s-suġġett ta' suspetti ta' abbuż ta' poter u ta' funzjonijiet uffiċjali fil-kuntest tar-ristrutturazzjoni, fl-2013, ta' bank Sloven. Għalkemm il-Bank Ċentrali tas-Slovenja sostna li dawn il-miżuri kienu jippreġudikaw il-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-"arkivji tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)" li jirriżulta mill-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea [1] u li jeżiġi li kull aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali għal dawn l-arkivji għandu jkun suġġett għall-kunsens espliċitu tal-BĊE, l-awtoritajiet Sloveni komplew b'din it-tfittxija u b'din it-tfittxija ta' dokumenti mingħajr ma involvew lill-BĊE.

F'dan il-kuntest, il-BĊE spjega lill-awtoritajiet Sloveni li l-arkivji tiegħu ma kinux jinkludu biss id-dokumenti mfassla minnu stess fit-twettiq tal-kompiti tiegħu iżda wkoll il-komunikazzjonijiet bejnu u l-banek ċentrali nazzjonali li kienu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) jew tal-Eurosistema kif ukoll id-dokumenti mfassla minn dawn il-banek ċentrali intiżi għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ jew tal-Eurosistema. Il-BĊE sostna wkoll li huwa ma kienx ser jopponi ruħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, għat-tneħħija tal-protezzjoni li jibbenefikaw minnha d-dokumenti kkonfiskati mill-awtoritajiet Sloveni.

Peress li kkunsidrat, minn naħa, li l-konfiska unilaterali tad-dokumenti inkwistjoni tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE [2] u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet Sloveni, kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-obbligu ta' kooperazzjoni leali [3], ma kellhomx diskussjonijiet kostruttivi sabiex iħassru l-konsegwenzi illegali tal-ksur ta' dan il-prinċipju, il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra s-Slovenja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'deċiżjoni tal-Awla Manja, **tilqa' r-rikors tal-Kummissjoni u tikkonstata n-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi allegati fl-intier tagħhom.** Din il-kawża għalhekk tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tippreċiża l-kundizzjonijiet applikabbli

[1] Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 202, p. 266, rettifiki fil-ĠU 2016, C 400, p. 1 u fil-ĠU 2017, C 59, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet").
[2] Artikolu 343 TFUE; Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU 2016, C 202, p. 230, rettifiki fil-ĠU 2016, C 400, p. 1 u fil-ĠU 2017, C 59, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE"), Artikolu 39; Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, Artikoli 2 u 22.
[3] Artikolu 4(3) TUE; il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, Artikolu 18.

għall-protezzjoni tal-arkivji tal-Unjoni fir-rigward ta' konfiska unilaterali ta' dokumenti li jaqgħu taħt dawn l-arkivji, imwettqa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru f'postijiet oħra minbarra l-bini u l-postijiet tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li jippermettu li jiġi kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

– Fuq il-kunċett ta' "arkivji tal-BĊE"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, peress li l-BĊE huwa istituzzjoni tal-Unjoni, **il-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-Unjoni japplika għall-arkivji tiegħu.** F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li **l-arkivji tal-Unjoni jkopru l-arkivji ta' istituzzjoni tal-Unjoni bħal dawk tal-BĊE anki jekk dawn jinsabu f'postijiet oħra minbarra l-bini u l-postijiet tal-Unjoni [4].**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri jikkostitwixxu s-SEBĊ u li l-politika monetarja tal-Unjoni titmexxa mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, inkluż il-Banka Slovenije, peress li dawn il-banek jikkostitwixxu l-Eurosistema [5]. Il-gvernaturi tal-imsemmija banek, fosthom dak tal-Banka Slovenije, huma membri tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE [6] u jipparteċipaw fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ. L-għan prinċipali tas-SEBĊ huwa li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Għal dan l-għan, il-kompiti fundamentali li jaqgħu taħt is-SEBĊ jinkludu b'mod partikolari dak li tiġi ddefinita u implimentata l-politika monetarja tal-Unjoni [7], u dan jitlob kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali [8]. **F'din is-sistema, il-banek ċentrali nazzjonali, kif ukoll il-gvernaturi tagħhom, għandhom status ibridu, peress li, filwaqt li dawn ċertament jikkostitwixxu awtoritajiet nazzjonali, huma jaġixxu fil-kuntest tas-SEBĊ,** li hija kkostitwita minn dawn il-banek nazzjonali ċentrali u mill-BĊE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, sabiex is-SEBĊ u l-Eurosistema jiffunzjonaw u jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod korrett, għandu jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u skambju kostanti ta' informazzjoni bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali li jipparteċipaw fiha, li neċessarjament jimplika li d-dokumenti marbuta mat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u tal-Eurosistema jinsabu fil-pussess mhux biss tal-BĊE, iżda wkoll tal-banek ċentrali nazzjonali.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **tali dokumenti huma koperti mill-kunċett ta' "arkivji tal-BĊE" anki jekk ikunu miżmuma minn banek ċentrali nazzjonali, u mhux mill-BĊE nnifsu.**

– Fuq il-ksur tal-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, f'dan il-każ, ksur tal-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE jista' jiġi kkonstatat biss jekk, minn naħa, il-konfiska, deċiża unilateralment minn awtoritajiet nazzjonali, ta' dokumenti li jappartjenu għall-arkivji tal-Unjoni tista' tikkostitwixxi tali ksur u, min-naħa l-oħra, jekk id-dokumenti kkonfiskati fil-fatt ikunu jinkludu dokumenti li għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-arkivji tal-BĊE.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-kunċett ta' "invjolabbiltà" jimplika protezzjoni kontra kull indħil unilaterali tal-Istati Membri. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li dan il-kunċett huwa deskritt bħala protezzjoni kontra kull miżura ta' tfittxija, ta' rekwiżizzjoni, ta' konfiska u ta' esproprjazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-konfiska unilaterali, minn awtoritajiet nazzjonali, ta' dokumenti li jappartjenu għall-arkivji tal-Unjoni tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' invjolabbiltà ta' dawn l-arkivji tal-Unjoni.**

---

[4] Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, Artikolu 1 u 2.
[5] Artikolu 282(1) TFUE; Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE, Artikolu 1 u 14.3.
[6] Artikolu 283(1) TFUE; Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE, Artikolu 10.1.
[7] Artikolu 127(2) TFUE.
[8] Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE, Artikolu 9.2.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, minn naħa, li hija l-Kummissjoni, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Hija għandha tkun dik li tipproduċi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-provi neċessarji sabiex din tal-aħħar tkun tista' tivverifika l-eżistenza ta' dan in-nuqqas, mingħajr ma tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li hija ma kellhiex informazzjoni preċiża dwar in-natura tad-dokumenti kkonfiskati mill-awtoritajiet Sloveni, b'tali mod li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi jekk parti minn dawn id-dokumenti kellhomx jitqiesu li jagħmlu parti mill-arkivji tal-Unjoni.

Madankollu, **fid-dawl tan-numru kbir ta' dokumenti inkwistjoni kkonfiskati u tal-funzjonijiet li huwa mitlub jeżerċita l-Gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, bħall-Banka Slovenije, fil-kuntest tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u, konsegwentement, fil-kuntest tas-SEBĊ u tal-Eurosistema, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dokumenti kkonfiskati mill-awtoritajiet Sloveni neċessarjament inkludew dokumenti li jagħmlu parti mill-arkivji tal-BĊE.** Hija tqis ukoll li **l-awtoritajiet Sloveni, meta kkonfiskaw tali dokumenti b'mod unilaterali, kisru l-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE.**

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet u l-prinċipju ta' invjolabbiltà tal-arkivji tal-Unjoni jipprekludu, bħala prinċipju, il-konfiska ta' dokumenti minn awtorità ta' Stat Membru peress li dawn id-dokumenti jagħmlu parti mill-imsemmija arkivji u l-istituzzjonijiet ma tawx il-kunsens tagħhom għal tali konfiska. Madankollu, din l-awtorità għandha l-possibbiltà li titlob lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata sabiex din tneħħi l-protezzjoni li minnha jibbenefikaw id-dokumenti kkonċernati, bil-kundizzjonijiet jekk applikabbli, u, fil-każ ta' rifjut ta' aċċess, lill-qorti tal-Unjoni sabiex tikseb deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni li tobbliga lil din l-istituzzjoni tagħti aċċess għall-arkivji tagħha. Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-arkivji tal-Unjoni bl-ebda mod ma tipprekludi l-konfiska, mill-awtoritajiet nazzjonali, fil-bini ta' bank ċentrali ta' Stat Membru, ta' dokumenti li ma jappartjenux għall-arkivji tal-Unjoni.

– Fuq il-ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali

Wara li fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha dwar il-portata tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, billi ma ppermettewx lill-BĊE, fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, **jidentifika, fost id-dokumenti kkonfiskati fis-6 ta' Lulju 2016, dawk marbuta mat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u tal-Eurosistema u billi ma rritornawx dawn id-dokumenti lill-Banka Slovenije, l-awtoritajiet Sloveni naqsu mill-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni leali mal-BĊE.** Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-fatt li l-Prosekutur tal-Istat stieden lill-BĊE jipproponilu kriterji li jippermettu li jiġu identifikati dawk id-dokumenti kkonfiskati mill-awtoritajiet Sloveni li, skont il-BĊE, kienu jagħmlu parti mill-arkivji tiegħu. Fil-fatt, anki wara li rċevew din il-proposta, l-awtoritajiet Sloveni ma ħadux miżuri sabiex jippermettu lill-BĊE jidentifika d-dokumenti marbuta mat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u tal-Eurosistema li kienu ġew ikkonfiskati. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet ma aċċettawx it-talba tal-BĊE li jagħtu lura lill-Banka Slovenije d-dokumenti kollha li huma qiesu li huma irrilevanti għall-investigazzjoni inkwistjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-fatt li l-awtoritajiet Sloveni ħadu miżuri sabiex jiżguraw iż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-imsemmija dokumenti ma jqiegħedx fid-dubju l-konklużjoni li dawn l-awtoritajiet naqsu, f'dan il-każ, mill-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni leali mal-BĊE.

Għaldaqstant, fir-rigward tal-perijodu ta' wara l-konfiska inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-awtoritajiet Sloveni naqsu milli jwettqu l-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni leali mal-BĊE.**

---

**NOTA:** Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.
Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*